A.L. 223 ta' l-1997

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1997 dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati Kollha

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Harsien Soċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tax-Xogħol, għamel l-ordni li ġej: —

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1997 dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati Kollha, u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1998.

Żieda għall-għoli tal-ħajja.

2. (1) Il-pagi ta' impjegati *whole-time* kollha għandhom jiżdiedu b'Lm1.50c fil-ġimgħa, u dan b'aġġustament għall-għoli tal-ħajja.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied b'wieħed minn kull erbgħin tar-rata ta' żieda speċifikata fis-subartiklu ta' qabel.